MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru 145/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**vs**

**JOHAN-GIOVANNI ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Johan-Giovanni Attard ta’ 27 sena bin Joseph u Anna Maria nee’ Grima, mwieled Pieta’ fis-27 ta’ Marzu 1981, residenti fil-fond 78, ‘Maria Stella’, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara (prezentament residenti fil-facilita’ korrettiva ta’ Kordin) u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 241581M.

Billi gie akkuzat talli:-

F’Hal-Qormi, fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Frar 2003, fl-inhawi maghrufa bhala ‘Tal-Hlas’, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom *television* u *video recorder* minn gol-fond ‘Tal-Grazzja Farmhous’, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jecceddi s-somma ta’ € 233 (mitt Lira Maltin) izda inqas minn € 2330 (elf lira Maltin), bil-lok u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ l-amministarturi ta’ l-istess fond u/jew persuni ohra;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MM1 u nnutat li l-imputat Johan-Giovanni Attard m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Michael Mallia iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat issa qabad xoghol stabbli u jidher li qieghed fit-triq it-tajba u ghaldaqstant umilment issugerixxa li f’dan il-kaz ma tkunx idonea piena ta’ prigunerija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b), (c), (e) u (f), 263, 267, 269, 270, 278(3), 280(2) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Johan-Giovanni Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Michael Mallia iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat issa qabad xoghol stabbli u jidher li qieghed fit-triq it-tajba u ghaldaqstant umilment issugerixxa li f'dan il-kaz ma tkunx idonea piena ta' prigunerija, tillibera lill-imputat Johan-Giovanni Attard taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Johan-Giovanni Attard sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin Euro u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 653.20) rappresentanti spejjes inkorsi bil-hatra ta' esperti fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha gie esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Johan-Giovanni Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------